



Brussell, 2 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6919/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0066 (BUD)**

**FIN 351
SOC 124**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 4 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall- Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill- Belġju – EGF/2025/008 BE/Liberty

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 4 final.

Mehmuż: COM(2026) 4 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.3.2026
COM(2026) 4 final

2026/0066 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2025/008 BE/Liberty**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹.
2. Fit-13 ta' Novembru 2025, il-Belġju sottometta applikazzjoni EGF/2025/008 BE/Liberty għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji f'Liberty Galați Belgian Branch² fil-Belġju.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2025/008 BE/Liberty
Stat Membru	Il-Belġju
Ir-reġjuni l-iktar ikkonċernati (il-livell NUTS ³ 2)	Province Liège (BE33)
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni	13 ta' Novembru 2025
Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	27 ta' Novembru 2025
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	27 ta' Novembru 2025
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	18 ta' Diċembru 2025
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	10 ta' Marzu 2026
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691
Intrapriża	Liberty Galați Belgian Branch
Settur(i) ta' attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) ⁴	Id-Diviżjoni 24 (Manifattura ta' metalli bażiċi)
Perjodu ta' referenza (4 xhur):	24 ta' April 2025 – 24 ta' Awwissu 2025

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² "Liberty Galați Belgian Branch" huwa l-isem kummerċjali tal-fergħa Belġjana tal-kumpanija b'ishma konġunti rreġistrata fir-Rumanija Liberty Galați.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	507
Għadd totali ta' beneficijarji eliġibbli	507
Għadd totali ta' beneficijarji fil-mira	507
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	2 358 922
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁵ (EUR)	33 866
Baġit totali (EUR)	2 392 788
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)	2 033 869

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

- Il-Belġju sottometta l-applikazzjoni EGF/2025/008 BE/Liberty fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stipulati fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, fit-13 ta' Novembru 2025. Fis-27 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Belġju. Tali informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien 15-il jum ta' xogħol mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum ta' xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni mimlija li fiha l-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġħoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fl-10 ta' Marzu 2026.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u beneficijarji kkonċernati

- L-applikazzjoni hija relatata ma' 507 ħaddiema ssensjati li l-attività tagħhom waqfet f'Liberty Galați Belgian Branch (Liberty). L-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-Diviżjoni 24 NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' metalli bażiċi). Is-sensji mogħtija minn Liberty jinsabu fir-reġjun NUTS 2 ta' Province Liège (BE33).

Kriterji ta' intervent

- Il-Belġju sottometta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati minn fornituri u produtturi downstream u/jew persuni b'impjeg indipendenti li l-attività tagħhom tkun waqfet.
- Il-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur għall-applikazzjoni jibda mill-24 ta' April 2025 sal-24 ta' Awwissu 2025.
- Matul il-perjodu referenzjarju kien hemm 507 sensja f'Liberty.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

- Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691, l-għadd tal-ħaddiema kollha affettwati mis-sensji matul il-perjodu ta' referenza – jiġifieri 507 – ġie kkalkolat mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tal-impjeg jew l-iskadenza tiegħu.

⁵ F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.

Benefiċjarji eliġibbli

10. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa 507.

Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

11. L-investiment ta' aktar minn EUR 40 miljun li sar minn GFG Alliance⁶ wara l-akkwist ta' Liberty Steel Liège minn ArcelorMittal f'Lulju 2019 kien imfixkel mis-suq dgħajjef tal-azzar fl-2019, l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista kkawżati mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija li segwew il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
12. Il-linji galvanizzanti ta' Liberty Steel Group fil-Belġju baqgħu inattivi minn Diċembru 2021 minħabba n-nuqqas ta' materja prima; dan skatta operazzjoni ta' ristrutturar li wasslet għat-trasferiment legali ta' Liberty Steel Liège lil Liberty Galați (sussidjarja Rumena ta' GFG Alliance permezz ta' Liberty Steel Group) fl-2023.
13. Minkejja t-teħid tal-kontroll ta' Liberty Steel Liège minn Galați, l-attività ta' produzzjoni ma reġgħetx bdiet. Għalhekk, il-ħaddiema tqiegħdu fi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Wara perjodu twil mingħajr l-ebda produzzjoni, Liberty ġiet iddikjarata falluta mill-Qorti Kummerċjali ta' Liège fit-22 ta' April 2025⁷.
14. Liège ma kinitx l-unika faċilità f'diffikultà. L-impjanti ta' Liberty Steel fiċ-Ċekja, fil-Polonja, fl-Italja, fir-Rumanija u fil-Lussemburgu esperjenzaw ukoll diffikultajiet minħabba l-kombinazzjoni ta' kundizzjonijiet negattivi tas-suq tal-azzar u n-nuqqas drammatiku ta' kapital likwidu tal-Grupp GFG Alliance li segwa l-falliment ta' Greensill Capital. Peress li din il-kumpanija privata tas-servizzi finanzjarji pprovdiet finanzjament fuq terminu qasir lil ħafna entitajiet tal-GFG Alliance Group, il-falliment tagħha pperikola l-vijabbiltà ta' Liberty Steel, u dan wassal għat-tnaqqis gradwali tagħha.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u tal-impjiegi

15. Fil-Belġju, il-proporzjon tal-impjiegi fl-azzar⁸ għal kull abitant⁹ huwa għoli, u dan jenfasizza l-importanza tas-settur fl-ekonomija tal-pajjiż. Barra minn hekk, il-falliment ta' Liberty jirrappreżenta xokk soċjali kbir għal Wallonia, peress li jseħħ f'suq tax-xogħol diġà mdgħajjef minn avvenimenti oħra ta' ristrutturar bħal TNT-FedEx¹⁰ jew Makro¹¹ li għalihom il-Belġju applika wkoll għall-appoġġ mill-FEG.
16. F'Ottubru 2025, ir-rata tal-qgħad għall-Belġju kollu kienet ta' 6,4 %, żieda ta' 0,6 punti perċentwali (pp) sena wara sena, u 0,5 pp ogħla mir-rata medja tal-qgħad tal-UE (5,9 %) ¹². Madankollu, ir-rata tal-qgħad f'Wallonia titla' għal 7,8 % ¹³.
17. Fit-tieni trimestru tal-2025, ir-rata ta' impjeg fil-Wallonja (62,7 %) ¹⁴ kienet 13 pp inqas mill-medja tal-UE (76,2 %) ¹⁵. Il-ħaddiema akbar fl-età qed jiffaċċjaw aktar

⁶ Il-konglomerat GFG Alliance huwa s-sid ta' Liberty Steel Group.

⁷ Moniteur Belge 28.04.2025, 45387.

⁸ Il-proporzjon tal-impjiegi fl-azzar huwa l-proporzjon tal-impjiegi diretti fl-azzar għal kull 100 000 abitant.

⁹ L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar (EUROFER). [European steel in figures 2025](#).

¹⁰ COM(2023) 69.

¹¹ COM(2023) 470.

¹² [Eurostat](#).

¹³ [Statbel. Emploi et chômage \(9.9.2025\)](#)

¹⁴ [Statbel. Emploi et chômage \(9.9.2025\)](#)

¹⁵ [Eurostat](#).

ostakli għall-impjieg. Ir-rata ta' impjieg nazzjonali għall-grupp ta' età 25–49 hija ta' 82 %. Din ir-rata tinżel għal 68,2 % għall-persuni li għandhom 50 sena jew aktar¹⁶. F'Awwissu 2025, wieħed minn kull erba' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg f'Wallonia kellu 50 sena jew aktar¹⁷.

18. Minkejja l-ispeċjalizzazzjoni għolja tagħhom fil-metallurġija, il-galvanizzazzjoni u l-manutenzjoni industrijali qawwija, it-tranżizzjonijiet tal-impjiegi tal-ħaddiema ta' Liberty jiffaċċaw l-isfida tal-età avanzata tagħhom (52 % tal-ħaddiema għandhom 55 sena jew aktar u nofs dan il-grupp għandu 60 sena jew aktar) u tal-ħafna snin tagħhom ta' anzjanità fl-istess intrapriża (aktar minn 70 % tal-ħaddiema għandhom bejn 24 u 40 sena ta' anzjanità). Għalhekk, dawn il-ħaddiema għandhom bżonn għajna personalizzata biex jegħlbu dawn id-diffikultajiet.

Applikazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR)

19. Il-Belġu ddeskriva kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar.
20. Il-Belġju rrapporta li l-liġi nazzjonali tax-xogħol dwar il-ġestjoni attiva tar-ristrutturar¹⁸ tirrikjedi li l-intrapriżi li jkunu għaddejjin minn ristrutturar jistabbilixxu unità tal-impjiegi, li l-għan tagħha huwa li tipprovdi lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-kuntest ta' sensji kollettivi 30 siegħa ta' servizzi ta' rikollokament f'perjodu ta' 3 xhur (60 siegħa f'6 xhur għall-ħaddiema li għandhom aktar minn 45 sena). Madankollu, dan l-obbligu legali ma japplikax fil-każ ta' falliment. Għalhekk, is-servizzi ta' rikollokament u ta' gwida vokazzjonali inklużi fil-pakkett ta' miżuri deskritti hawn taħt fil-paragrafu 24 jissostitwixxu u jespandu s-servizzi ta' konsulenza u ta' rikollokament li dawn il-ħaddiema ssensjati ma jirċevux.
21. Il-leġiżlazzjoni reġjonali ta' Wallonia¹⁹ tipprevedi appoġġ speċifiku għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja, fil-forma ta' unità ta' riallokazzjoni (*cellule de reconversion*)²⁰ mis-Servizz Pubbliku Reġjonali għall-Impjiegi u t-Taħriġ Vokazzjonali (Le Forem), fuq it-talba tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-ħaddiema. L-unità ta' riallokazzjoni ma tikkostitwixxix obbligu għall-impjegatur, u lanqas għal Le Forem. L-implimentazzjoni tal-miżuri kofinanzjati tal-FEG se tiġi ġestita permezz ta' tali unità ta' riallokazzjoni.
22. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa biex jassistu lill-ħaddiema ssensjati, il-Belġju rrapporta li l-unità ta' riallokazzjoni twaqqfet fl-1 ta' Ġunju 2025, f'tit wara l-ewwel sensji.

Komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

23. Il-Belġju kkonferma li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.
24. Il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-UE oħrajn.

¹⁶ [Statbel. Rata ta' impjieg skont il-grupp ta' età.](#)

¹⁷ Le Forem. Photo locale de la demande d'emploi (aout 2025).

¹⁸ Id-Digriet Irjali (*Arrêté Royal*) tal-10 ta' Novembru 2006 li jemenda d-Digriet Irjali tad-9 ta' Marzu 2006.

¹⁹ Id-Digriet tal-Gvern ta' Wallonia tad-29 ta' Jannar 2004, kif emendat bid-Digriet tat-30 ta' April 2009.

²⁰ [Le Forem. Avveniment ta' ristrutturar: unitajiet ta' riallokazzjoni.](#)

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

25. Il-Belġju indika li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mat-trade unions, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691.
26. F'laqgħa li saret fl-14 ta' Lulju 2025, il-Federazzjoni Ġenerali tax-Xogħol tal-Belġju (FGTB)²¹ u l-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Kristjani (CSC)²² ġew ikkonsultati b'mod partikolari dwar il-ħtiġijiet tal-ħaddiema fir-rigward tat-titjib u tat-tiġdid tal-ħiliet. Intalab ukoll kontribut mir-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar kif jista' jiġi pprovdut aħjar l-appoġġ mill-FEG.

Benefiċjarji fil-mira u miżuri proposti

Benefiċjarji fil-mira

27. Il-507 ħaddiema kollha ssensjati mistennija jipparteċipaw fil-miżuri. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-diżaggregazzjoni pprovduta ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell ta' edukazzjoni hija kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irġiel:	468	(92,3 %)
	Nisa:	39	(7,7 %)
	Mhux binarji	0	(0,0 %)
Grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	4	(0,8 %)
	Bejn it-30 u l-54 sena:	242	(47,7 %)
	Iktar minn 54 sena:	261	(51,5 %)
Livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas ²³	70	(13,8 %)
	Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell ²⁴ jew postsekondarja ²⁵	280	(55,2 %)
	Edukazzjoni terzjarja ²⁶	157	(31,0 %)

²¹ Fédération générale du travail de Belgique.

²² Confédération des syndicats chrétiens.

²³ ISCED 0-2.

²⁴ ISCED 3.

²⁵ ISCED 4.

²⁶ ISCED 5-8.

Miżuri proposti

28. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-pakkett koordinat personalizzat li jrid jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:

- Rikollokament u gwida vokazzjonali: Dawn is-servizzi huma pprovduti minn tim ta' konsulenti vokazzjonali speċjalizzati f'avvenimenti ta' ristrutturar u ħaddiema ta' appoġġ soċjali ġeneralment magħżula mir-rappreżentanti tal-impjegati tal-kumpanija.

Il-konsulenti jipprovdu servizzi ta' rikollokament u gwida, taħriġ, u appoġġ għar-riintegrazzjoni professjonali permezz ta' sessjonijiet ta' konsulenza u kkworjar individwali u kollettivi, filwaqt li l-ħaddiema soċjali jipprovdu appoġġ fil-proċeduri amministrattivi għat-tibdil tal-istatus tal-impjeg u jgħinu biex jinżammu r-relazzjonijiet fost il-ħaddiema kif kienu waqt li kienu qed jaħdmu f'Liberty.

- Taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali: Se jiġi offrut taħriġ speċifiku biex jaqdi l-ħtiġijiet identifikati tal-ħaddiema, wara t-tfassil ta' profili u l-qbil ta' proġetti individwali mal-konsulenti vokazzjonali. Dan it-taħriġ jikkomplimenta t-taħriġ standard ta' Le Forem u tas-sħab tiegħu. Huma offruti lill-ħaddiema wkoll żewġ moduli speċifiċi tal-IT biex tinkiseb u tissaħħaħ l-awtonomija diġitali.
- Appoġġ għall-ħolqien ta' negozju: Il-miżura hija mmirata lejn ħaddiema li jixtiequ jibdeu in-negozju tagħhom. Din se tinkludi fażi ta' dijanjożi u ta' gwida, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-intraprenditorija, sessjonijiet ta' informazzjoni dwar il-potenzjal għall-ħolqien ta' negozju permezz ta' dijanjożijiet ekonomiċi territorjali u ta' networking ma' intraprendituri rilevanti u ma' coaches iċċertifikati fil-ħolqien ta' negozju.
- Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju: Il-ħaddiema li jibdeu negozju jew attività għal rashom se jirċievu kontribuzzjoni sa EUR 15 000. Il-kontribuzzjoni titħallas f'żewġ pagamenti parzjali, wara li tingħata prova tal-bidu u tal-iżvilupp tal-attività ta' negozju b'dokumenti ta' sostenn.
- Inċentivi u benefiċċji: **(1) Benefiċċji għal meta wieħed ikun qed ifittex impjeg**. Il-ħaddiema se jirċievu EUR 2 għal kull siegħa ta' parteċipazzjoni effettiva f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjeg li huma intitolati għall-benefiċċju. **(2) Benefiċċju għar-ritorn lejn l-iskola**. Se jingħata benefiċċju ta' EUR 350 fix-xahar lil ħaddiema li jibdeu studji sekondarji u terzjarji full-time, jew taħriġ li jikkwalifika biex jiksbu l-ħiliet neċessarji għal impjegi li hemm domanda għalihom u li għalihom ir-reklutaġġ huwa diffiċli jew marbut ma' funzjonijiet kritiċi²⁷. **(3) Benefiċċju għall-ħolqien ta' negozju**. Biex il-ħaddiema jiġu appoġġati waqt it-twaqqif ta' negozju, se jingħata benefiċċju ta' EUR 350 fix-xahar għal massimu ta' 12-il xahar jew sa 18-il xahar taħt ċerti kundizzjonijiet.

29. It-taħriġ biex tinkiseb u tissaħħaħ l-awtonomija diġitali msemmi hawn fuq, li jikkomplementa t-taħriġ standard ta' Forem biex jiġu żviluppanti l-ħiliet diġitali, flimkien ma' modulu dwar l-ekonomija ċirkolari u l-użu effiċjenti tar-riżorsi jservi għat-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-

²⁷ [Lista ta' impjegi li hemm domanda għalihom u li diffiċli jiġu koperti jew marbuta ma' funzjonijiet kritiċi. « Métiers en tension de recrutement en Wallonie. Liste des métiers/fonctions critiques et en pénurie ». Le Forem 2025.](#)

riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691. Il-modulu dwar l-ekonomija ċirkolari u l-użu effiċjenti tar-riżorsi żviluppat għall-eks ħaddiema ta' Swissport (EGF/2020/005 BE)²⁸ issa huwa parti mill-offerta ta' taħriġ standard ta' Le Forem kofinanzjata mill-FSE+. Għalhekk, dan ma huwiex ibbaġitjat f'din il-proposta. Il-modulu dwar l-ekonomija ċirkolari huwa kkomplementat minn modulu dwar l-ekonomija soċjali żviluppat ukoll fil-qafas ta' każ tal-FEG²⁹.

30. L-azzjonijiet proposti u deskritti hawnhekk, huma magħmula minn miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol fl-ambitu tal-azzjonijiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jidhrux post il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
31. Il-Belġju ta l-informazzjoni meħtieġa dwar il-miżuri li huma obligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju kkonferma li dawn il-miżuri ma humiex se jiġu sostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

Baġit stmat

32. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 2 392 788, li jinkludu nefqa ta' EUR 2 358 922 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 33 866 għal attivitajiet ta' thejjiġa, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.
33. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija EUR 2 033 869 (85 % tal-kostijiet totali).
34. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju speċifika li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti minn Région Wallone u Le Forem.

Miżuri	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant (EUR) ³⁰	Kostijiet totali stmati (EUR) ³¹
Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Rikollokament u gwida vokazzjonali (<i>rikonverżjoni: akkumpanjament/orjentazzjoni/mobilizzazzjoni</i>)	507	2 329	1 180 583
Taħriġ u taħriġ mill-ġdid (<i>formations et modules spécifiques</i>)	250	1 801	450 170
Promozzjoni tal-intraprenditorija (<i>Accompagnement entrepreneurial</i>)	50	1 231	61 569

²⁸ COM(2021) 212.

²⁹ EGF/2022/002 BE/TNT. COM(2023) 69.

³⁰ Biex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem ġew ittondjati. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħalma hemm fl-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.

³¹ It-totali ma jaqblux minhabba l-ittondjar.

Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju (<i>bourse de lancement</i>)	32	10 000	320 000
Subtotal (a):			2 012 322
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati			(85,30 %)
Benefiċċji u inċentivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Benefiċċji: (<i>allocation de recherche d'emploi, de reprise d'études et d'entrepreneuriat</i>)	507	684	346 600
Subtotal (b):			346 600
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:			(14,69 %)
Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691			
1. Attivitajiet ta' tħejjija			0
2. Ġestjoni			13 260
3. Informazzjoni u reklamar			5 000
4. Kontroll u rapportar			15 606
Subtotal (c):			33 866
Perċentwal tal-kostijiet totali:			(1,42 %)
Kostijiet totali (a + b + c):			2 392 788
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali)			2 033 869

35. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691 ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Belġju kkonferma li dawn il-miżuri huma kondizzjonali għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjeg jew ta' taħriġ.
36. F'konformità mal-Artikolu 7(2), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju kkonferma li l-kostijiet tal-investimenti għall-impjeg indipendenti, għall-intrapriżi start-up u għall-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-impjegati ma humiex se jaqbżu t-EUR 22 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

37. Il-Belġju beda jipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Ġunju 2025. In-nefqa fuq il-miżuri għalhekk se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ġunju 2025 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.
38. Il-Belġju beda jġarrab in-nefqa amministrattiva biex jimplimenta l-FEG fit-22 ta' April 2025. In-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kif ukoll dawk ta' kontroll u rapportar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-22 ta' April 2025 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

39. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġa skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispesifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jimmaniġġaw u jikkontrollaw l-FSE+ f' Wallonia.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

40. Il-Belġju ta l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dan li ġej:
- il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi jkunu ġew issodisfati,
 - kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ġhajna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

41. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027³² emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024³³.
42. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat il-FEG għall-ammont ta' EUR 2 033 869, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
43. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691 u kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda³⁴.

Atti relatati

44. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi trasferit ammont ta' EUR 2 033 869 għal-linja baġitarja rilevanti.

³² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

³³ ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>.

³⁴ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

45. Fl-istess waqt li adottat din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (EU, Euratom) 2024/2509³⁵. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

³⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/2509, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj26.9.2024>.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2025/008 BE/Liberty

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013³⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda³⁷, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjiegi diċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja u għal dawk b'impjieg indipendenti li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar u billi jgħinjom jirritornaw għal impjieg diċenti u sostenibbli mill-iktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093³⁸, emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765³⁹, u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (3) Fit-13 ta' Novembru 2025, il-Belġju sottometta applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Liberty Galați Belgian Branch fil-Belġju. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies li tikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-ġhotti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-

³⁶ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

³⁷ ĠU 433 I, 22.12.2020, p. 28.

³⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

³⁹ ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>.

Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰.

- (4) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi mmobilizzat il-FEG biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 033 869 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 033 869 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁴⁰ COM(2026) 4.

* *Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*